**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 631/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joanna Piscopo)**

**Vs**

**Alexander Anthony Gialanze Whiteford**

**Illum 8 ta' Jannar 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet[1] dedotti fil-konfront ta' **Alexander Anthony Gialanze Whiteford**, iben il-mejjet Alex u Carmen neè Gialanze, imwieled il-Pietà fid-29 ta' Novembru 1982 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 44501L, talli ġewwa il-Gżira nhar is-17 ta' Novembru 2020, għall-ħabta ta' 20:00hrs:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Scisanne Farrugia, u dan hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ryan Falzon M.D. (Med. Reg. No. 4320) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Fl-istess dati, ħin u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Scisanne Farrugia biża' li se tintuża vjolenza kontriha u kontra l-familjari tagħha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil Scisanne Farrugia, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. fid-digriet tagħha tal-11 ta' Novembru 2020, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt Garanzija Personali ta' tlett elef u ħames mitt Euro (€3,500) u emendati b'digriet mill-istess Qorti datat 17 ta' Novembru 2020, bi ksur ta' l-Artikoli 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol. 289 u 290 tal-proċess.

4. Insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Scisanne Farrugia, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, bi ksur ta' l-Artikolu 49(a) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta;

6. U aktar talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula;

U aktar talli fis-7 ta' Mejju 2021, kif ukoll fil-ġranet u xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer:

7. Naqas milli jħares xi waħda jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Dr. Edwina Grima fid-digriet tagħha tad-9 ta' Frar 2021, li permezz tiegħu huwa ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, fosthom li jiffirma ġewwa l-Għassa tas-Sliema, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 355AL(5) u 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni kontra Alexander Anthony Gialanze Whiteford a benefiċċju ta' Scisanne Farrugia u dan ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u sabiex f'każ ta' ħtija l-Qorti: (ii) għall-fini li tipprovdi għall-persuna ta' Scisanne Farrugia u l-familjari tagħha jew sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Alexander Anthony Gialanze Whiteford b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq; u (iii) minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lill-imsemmi Alexander Anthony Gialanze Whiteford sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[2];

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni a fol. 5 sa' 46 tal-proċess;

Semgħet ix-xhieda ta' Dr. Ryan Falzon mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' Novembru 2020[3] u x-xhieda ta' Scisanne Farrugia mogħtija waqt is-seduti tas-27 ta' Novembru 2020[4] u ta' l-20 ta' Lulju 2023[5], semgħet ix-xhieda ta' PS1033 Sandro Mangion[6], PC26 Ryan Farrugia[7], PC295 Daniel Schembri[8], Vicky Sciclunaf[9] u Igor Milkovic[10]

[2] Fol. 293 tal-proċess.
[3] Fol. 64 sa' 67 tal-proċess.
[4] Fol. 68 sa' 81 tal-proċess.
[5] Fol. 429 sa' 431 tal-proċess.
[6] Fol. 134 u 135 tal-proċess.
[7] Fol. 141 u 142 tal-proċess.
[8] Fol. 143 sa' 145 tal-proċess.
[9] Fol. 136 sa' 140 tal-proċess.
[10] Fol. 146 u 147 tal-proċess.

(dawn l-aħħar żewġ xhieda kienu xehdu għall-fini ta' talba għall-ħelsien mill-arrest li kien ressaq l-imputat), ilkoll mogħtija waqt is-seduta tal-5 ta' Jannar 2021, semgħet ix-xhieda ta' PS2223 Charlene Calleja mogħtija waqt is-seduta tal-15 ta' Marzu 2021[11] u x-xhieda ta' Dr. Monica Camilleri mogħtija waqt is-seduta tad-19 ta' April 2021[12], semgħet ix-xhieda ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[13] u ta' Dr. Francesca Chircop[14] mogħtija waqt is-seduta tal-21 ta' Ġunju 2021 u rat ir-Relazzjoni ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri markata Dok. "MS" a fol. 201 sa' 212 tal-proċess, semgħet ix-xhieda tas-Scene of Crime Officers l-Ispettur Thomas Zammit u ta' PC369 Stephanie Cassar[15] u x-xhieda ta' l-Ispettur Joanna Piscopo[16] mogħtija waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2021 u rat ir-Relazzjoni tas-Scene of Crime Officers markata Dok. "TZ" a fol. 231 sa' 288 tal-proċess u d-dokumenti esebiti mill-Ispettur Joanna Piscopo markati Dok. "JPx1" sa' Dok. "JPX5" a fol. 298 sa' 308 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Franklin Calleja, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduti ta' l-4 ta' Novembru 2021[17] u tat-22 ta' Frar 2022[18] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "FC" u Dok. "FC1" a fol. 316 sa' 318 tal-proċess u Dok. "FC" a fol. 352 u 353 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Novembru 2021[19] u rat ir-Relazzjoni tagħha markata Dok. "MC" a fol. 322 sa' 329 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC1530 Maurizio Farrugia[20] u ta' PC1103 Gabriel Haber[21] mogħtija waqt is-seduta tal-25 ta' Novembru 2021 u x-xhieda ta' PC1171 Clayton Mangion[22] u ta' Maria Dolores Fenech[23], Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2022, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Helenio Galea mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Marzu 2022 u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "HG1" u Dok. "HG2" a fol. 357 sa' 360 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Emereziana Agius, in rappreżentanza tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Marzu 2022[24] u x-xhieda ta' Stephania Calafato Testa, Assistent Reġistratur Qrati u Tribunali Kriminali, mogħtija waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2022[25] u rat id-dokumenti esebiti minnha markati Dok. "SCT1" sa' Dok. "SCT3" a fol. 373 sa' 392 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' l-imputat mogħtija waqt is-seduta tat-3 ta' Awwissu 2022[26];

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 18 ta' April 2022[27] permezz ta' liema bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

[11] Fol. 180 sa' 183 tal-proċess.
[12] Fol. 189 u 190 tal-proċess.
[13] Fol. 199 u 200 tal-proċess.
[14] Fol. 213 u 214 tal-proċess.
[15] Fol. 229 u 230 tal-proċess.
[16] Fol. 294 sa' 297 tal-proċess.
[17] Fol. 314 u 315 tal-proċess.
[18] Fol. 350 u 351 tal-proċess.
[19] Fol. 320 u 321 tal-proċess.
[20] Fol. 333 u 334 tal-proċess.
[21] Fol. 335 tal-proċess.
[22] Fol. 343 sa' 344 tal-proċess.
[23] Fol. 345 u 346 tal-proċess.
[24] Fol. 364 tal-proċess.
[25] Fol. 372 tal-proċess.
[26] Fol. 401 sa' 405 tal-proċess.
[27] Fol. 367 u 368 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 221, 222(1)(a), 202(h), 222A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta tal-11 ta' Mejju 2022[28], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u l-imputat iddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; inqraw l-Artikoli;

Rat illi fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2023[29] l-imputat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet minnu ikkonfermata wara li l-Qorti, ai termini ta' l-Artikolu 392A(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tiegħu u tatu biżżejjed żmien biex jerġa' jirrikonsidraha u jerġa' lura minnha;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena da parte tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli ġewwa l-Gżira nhar is-17 ta' Novembru 2020, għall-ħabta ta' 20:00hrs: (1) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Scisanne Farrugia, u dan hekk kif iċċertifikat minn Dr. Ryan Falzon M.D. (Med. Reg. No. 4320) u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 218(1)(b) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (2) fl-istess dati, ħin u ċirkostanzi bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil Scisanne Farrugia biża' li se tintuża vjolenza kontriha u kontra l-familjari tagħha jew kontra l-proprjetà tagħha jew kontra l-persuna meta kien jaf jew missu kien jaf li l-imġieba tiegħu se tikkaġuna lil Scisanne Farrugia, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (3) fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi f'dawn il-gżejjer naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Monica Vella LL.D. fid-digriet tagħha tal-11 ta' Novembru 2020, li bih tat il-ħelsien mill-arrest taħt Garanzija Personali ta' tlett elef u ħames mitt Euro (€3,500) u emendati b'digriet mill-istess Qorti datat 17 ta' Novembru 2020, bi ksur ta' l-Artikoli 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (4)

[28] Fol. 371 tal-proċess.
[29] Fol. 436 tal-proċess.

insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Scisanne Farrugia, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (5) permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat, bi ksur ta' l-Artikolu 49(a) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta; (6) u aktar talli rrenda ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49 u 50 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġie misjub ħati b'sentenza mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula; **U** aktar talli fis-7 ta' Mejju 2021, kif ukoll fil-ġranet u xhur ta' qabel ġewwa dawn il-gżejjer: (7) naqas milli jħares xi waħda jew iktar minn waħda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) u cioè mill-Imħallef Dr. Edwina Grima fid-digriet tagħha tad-9 ta' Frar 2021, li permezz tiegħu huwa ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest taħt diversi kondizzjonijiet, fosthom li jiffirma ġewwa l-Għassa tas-Sliema, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 355AL(5) u 579(1)(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz ta' Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 18 ta' April 2022[30], l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(b), 221, 222(1)(a), 202(h), 222A(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 251B tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Inizjalment l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu iżda, fis-seduta tat-18 ta' Diċembru 2023 huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Siccome l-imputat irreġistra l-ammissjoni ta' ħtija tiegħu meta l-kawża kienet skedata għat-trattazzjoni finali, il-Qorti tqis li hi u tikkonsidra tali ammissjoni u l-implikazzjonijiet tagħha, ma tistax tinjora dak li rriżulta mill-provi prodotti. F'tali rigward fil-fatt il-Qorti tosserva s-segwenti: (i) mill-provi prodotti jirriżulta li l-imputat u Scisanne Farrugia ma kienux, u qatt ma' kienu, f'relazzjoni u ma kienux, u qatt ma kienu, jgħixu flimkien; (ii) Scisanne Farrugia ddikjarat li hi taħfer lill-imputat u li xtaqet twaqqa' l-każ fil-konfront tiegħu[31]. Hawn il-Qorti tosserva li siccome kif ingħad l-imputat u Scisanne Farrugia qatt ma kienu f'relazzjoni u qatt ma għexu flimkien, id-dikjarazzjoni ta' Scisanne Farrugia ma tistax tagħti lok għall-applikazzjoni tat-tieni *proviso* ta' l-Artikolu 543(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda għandha u trid tittieħed in konsiderazzjoni fir-rigward ta' dawk ir-reati addebitati lill-imputat li huma rinunzjabbli da parte tal-vittma. Minn ħarsa lejn l-

---

[30] Fol. 367 u 368 tal-proċess.
[31] Vide xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Lulju 2023, fol. 429 sa' 431 tal-proċess.

imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat, hija biss ir-raba' imputazzjoni dedotta kontrih, ossia li insulenta, hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil Scisanne Farrugia, bi ksur ta' l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, li tista' tiġi rinunzjata mill-imsemmija Scisanne Farrugia u dana billi ai termini ta' l-Artikolu 339(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, *fil-każijiet imsemmijin fis-subartikolu (1)(d),(e),(l) u (o) ma tittieħed ebda proċedura jekk mhux bil-kwerela tal-parti*. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat.

Mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Monica Vella fil-11 ta' Novembru 2020 ġie revokat in forza ta' Digriet pronunċjat mill-istess imsemmija Qorti fil-25 ta' Mejju 2021[32]. Għalkemm l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessi, jirreferu għal reati li twettqu fis-17 ta' Novembru 2020, ossia ftit ġranet wara li kien ingħata l-imsemmi Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest fil-11 ta' Novembru 2020, u b'hekk tista' u in effetti għandha tinstab ħtija fl-imputat għall-ksur ta' dak id-Digriet, una volta li l-istess Digriet ġie in segwitu revokat, din il-Qorti tqis li ma tistax, u kwantu legalment impossibbli, tordna l-konfiska tal-garanzija ta' €3,500 li kienet ġiet imposta fuq l-imputat proprio bid-Digriet in kwistjoni ormai revokat. Għalkemm fl-istess proċeduri fejn kien ingħata l-ħelsien mill-arrest in forza tad-Digriet datat 11 ta' Novembru 2020, l-imputat reġa' ngħata il-ħelsien mill-arrest in forza ta' Digriet maħruġ mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Frar 2022, din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' tali Digriet in kwantu huwa għal kollox 'l barra mill-*punctum temporis* rilevanti għall-proċeduri odjerni.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat għalhekk il-Qorti tqis li in vista tal-provi prodotti u ta' l-ammissjoni ta' l-imputat, għandha, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, issibu ħati ta' l-imputazzjonijiet l-oħra kollha dedotti fil-konfront tiegħu.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni s-segwenti: (i) in-natura ta' l-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat qed jinstab ħati; (ii) il-fatt li l-ħames imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat hija assorbita fit-tieni imputazzjoni dedotta kontrih; (iii) dak iktar 'l fuq osservat fir-rigward tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kif presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella datat 11 ta' Novembru 2020; (iv) il-fatt li l-imputat u Scisanne Farrugia ma kienux f'relazzjoni u ma kienux jgħixu flimkien; (v) il-fatt li Scisanne Farrugia iddikjarat li qed taħfer lill-imputat; u (vi) il-fatt li l-imputat bi ħsiebu jindirizza l-problema ta' abbuż ta' droga li huwa għandu billi jidħol għal programm għar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga.

Għal dawn ir-ragunijiet, filwaqt li tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 17(b), 31, 49, 50, 214, 215, 216(1)(b), 251B u 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 49(a) tal-Kap.399 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-ħames, is-sitt u s-seba' imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sentejn (2) priġunerija effettiva.

---

[32] Dok. "SCT2" a fol. 375 sa' 387 tal-proċess.

Minn dan it-terminu ta' sentejn (2) priġunerija effettiva hawn impost fuq l-imputat, għandu jitnaqqas dak iż-żmien li huwa għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni ma' dawn il-proċeduri.

Peress illi d-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) presjeduta mill-Maġistrat Dr. Monica Vella datat 11 ta' Novembru 2020 ġie revokat mill-istess imsemmija Qorti b'Digriet mogħti fil-25 ta' Mejju 2021, din il-Qorti mhux, għax ma tistax, se tordna ebda konfiska a favur il-Gvern ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 579(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li s-somma ta' ħames mitt Euro (€500) mis-somma ta' elf Euro (€1,000) imposta bħala depożitu fid-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Edwina Grima fid-9 ta' Frar 2021, tiġi konfiskata a favur il-Gvern ta' Malta.

Peress illi l-Prosekuzzjoni mhux qed titlob ir-revoka tad-Digriet għall-Ħelsien mill-Arrest pronunċjat mill-Qorti Kriminali presjeduta mill-Imħallef Dr. Edwina Grima fid-9 ta' Frar 2021 u l-konsegwenti ri-arrest ta' l-imputat, il-Qorti ma hijiex ser tapplika dak provdut fl-Artikolu 579(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Peress illi l-imputat esprima x-xewqa li jidħol għal programm għar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, ai termini ta' l-Artikolu 412D tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament għall-perijodu ta 'tlett (3) snin dekoribbli mid-data ta 'din is-sentenza, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet ta ' Ordni ta 'Trattament mogħti illum stess, liema Digriet jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Dan l-Ordni ta 'Trattament qed jiġi magħmul għall-fini li l-imputat jingħata t-trattament u kura kollha meħtieġa, inkluż li jsegwi programm ta' rijabilittazjoni mill-vizzju tad-droga fuq bażi residenzjali, sabiex jirriabilita ruħha mill-vizzju ta' l-abbuż ta 'droga.

A tenur ta' l-Artikolu 412D(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li ma jikkonformax ruħu ma xi rekwiżit jew xi kondizzjoni ta' tali Ordni ta' Trattament maħruġ fil-konfront tiegħu, u ċioè li f'tali eventwalità il-Qorti tista' twaħħlu ammenda ta' mhux iżjed minn elf mija erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin centeżmu (€1,164.69).

In vista tal-fatt li Scisanne Farrugia ddikjarat li qed taħfer lill-imputat, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikoli 382A, 383 *et seq* tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-imputat iħallas lir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali s-segwenti ammonti:

- Is-somma ta' €279.00 rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu man-nomina ta' l-Espert Mediku Dr. Mario Scerri[33];
- Is-somma ta' €324.24 rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu man-nomina tas-Scene of Crime Officers PS976 (illum Spettur) Thomas Zammit u ta 'PC369 Stephanie Cassar[34]; u
- Is-somma ta' €2,605.44 rappreżentanti spejjeż li għandhom x'jaqsmu man-nomina ta' l-Espert tad-DNA Dr. Marisa Cassar[35] -

Komplessivament ammontanti għal **€3,208.68**.

Ai termini ta' l-Artikolu 370(6) u 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza u tad-Digrieti għall-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament anness magħha u formanti parti integrali minnha.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

[33] Fol. 212 tal-proċess.
[34] Fol. 235 tal-proċess.
[35] Fol. 329 tal-proċess.